**Minuti tal-442 laqgħa tal-Kunsill li saret**
**nhar it-Tnejn, 15 ta' Diċembru, 2014**

Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Marc Vella Bonnici, ppresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Marc Vella Bonnici, il-Viċi-Sindku s-Sur Domenic Agius, il-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Brian Spiteri, is-Sur Joseph Agius (is-Sway), is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Joseph Vella, is-Sur Joseph Agius u s-Sinjura Anna Calleja.

Is-Sur John J Pace daħal għal-laqgħa fis-6.35 ta' filgħaxija.

L-Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ is-Sinjorina Katrin Busuttil u s-Sur Mark Grech kienu skużati.

Item 2 - Villagg tal-Milied f'Ħaż-Żabbar

Is-Sindku tkellem dwar il-preparamenti għall-Villaġġ tal-Milied f'Ħaż-Żabbar u qal illi għal din l-attivita` kienu inxtraw siġra tal-Milied, kostumi tal-*Father Christmas* kif ukoll inkrew t-tined u l-*stage* fejn ser tittella varjeta ta' kant, żfin u logħob.

Fis-6.35 ta' filgħaxija s-Sur John J Pace daħal għal-laqgħa.

Is-Sindku qal illi kienet ser issir entratura tal-ħadid u fuq barra tagħha ser ikun hemm *kids area* li fost affarijiet oħra ser tkun tinkludi *bouncing castle* u *face painting* għat-tfal. Is-Sindku qal illi kien ser ikun hemm fotografu sabiex jieħu r-ritratti matul l-attivita`. Is-Sindku tkellem dwar l-attivitajiet li ser jittellaw matul il-villaġġ tal-Milied u qal illi kien ser ikun hemm koordinatur li ser jieħu ħsieb is-*sound* u d-dawl matul il-*performance*. Is-Sindku qal illi kien sar reklamar tal-attivita` fuq *billboards* kif ukoll kien ser jitqassam *flyer* f'kull dar f'Ħaż-Żabbar. Is-Sindku qal ukoll illi ma kienx ser ikun hemm bejgħ ta' xorb alkoħoliku fil-Villaġġ tal-Milied. Is-Sindku qal illi l-ispejjeż relatati mal-Villaġġ tal-Milied kienu ser jitħallsu mill-Kunsill u l-

affarijet li ser jinxtraw għal din l-attivita` jerġaw jintużaw mill-Kunsill f'attivitajiet oħra 'l quddiem.

Is-Sur Joseph Agius (is-Sway) staqsa jekk kienx ser isiru *performances* fuq il-palk matul il-ħinijiet ta' filgħodu.

Is-Sindku qal illi l-Villaġġ tal-Milied kien ser ikun dejjem miftuh filgħodu u l-attivitajiet kienu ser isiru kif ġej : Il-Gimgħa 19 ta' Diċembru mis-seba ta' filgħaxija sal-ħdax ta' filgħaxija, is-Sibt 20 ta' Diċembru mis-sitta ta' filgħaxija sal-ħdax ta' filgħaxija u l-Ħadd 21 ta' Diċembru mill-erba` ta' filgħaxija sad-disa` u nofs ta' filgħaxija.

Is-Sur Joseph Buttigieg issuġġerixxa li jsir reklamar tal-attivita` matul il-programm Xarabank.

Is-Sindku talab lis-Sur Buttigieg sabiex iġib stima ta' kemm jiswa lill-Kunsill biex isir avviż matul il-programm Xarabank.

Is-Sur Brian Spiteri staqsa għaliex is-sena l-oħra kien ġie nfurmat illi ma setax isir ħlas għal tiżjin tat-toroq fil-Milied mill-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi s-sena l-oħra ma tressqet l-ebda proposta quddiem il-Kunsill biex jitħallas l-armar tat-toroq fil-Milied u fis-snin l-imgħoddija kien hemm okkażjonijiet fejn il-Kunsill ħallas għal tiżjin ta' toroq fil-Milied.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.00 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-443 laqgħa li saret nhar it-Tlieta, 23 ta' Diċembru, 2014.

Marc Vella Bonnici
Sindku